MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. JOSEPH BONNICI

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 785/2004

**Hardrocks Limited**

**Vs**

**Willie Grech**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-13 ta’ April 2004 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta’ Lm209.86 (mitejn u disgha liri Maltin u sitta u tmenin centezmu) rapprezentanti ta’ danni ikkawzati f’incident awtomobilistiku.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-
Il-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ Lm209.86, liema somma tirrapresenta hsarat ikkagunati mill-konvenuta fuq vettura tas-socjeta` attrici, meta fid-29 ta’ Settembru 2003 fi Triq Regjonali barra l-Universita`, l-Imsida, il-konvenut bi traskuragni, negligenza, imperizja u b’nuqqas ta’ harsien tar-reglamenti tat-traffiku, baqa`

diehel bil-vettura tieghu Daihatsu (HAT-265), gol-vettura tas-socjeta` konvenuta Peugeot 307 (JBF-152).

Bl-ispejjes, u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li jibqa` minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-
Illi l-konvenut kien dejjem dispost ihallas l-ammont mitlub purke dan jigi assodat b'dokmenti ta' nfieq u ricevuti regolari. Illi dan kollu kien gie mgharraf lill-attur **qabel** ma infethet il-kawza *de quo* u dan kif jindika l-ittra datata 24 ta' Frar 2004 hawn annessa Dok WG 1 li qatt ma saret risposta ghaliha, u kwindi l-konvenut m'ghandux jissoporti ebda spejjez ta' din il-kawza peress li din saret inutilment u intempestivament.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:
Illi l-ammont dovut mill-konvneut mhux kontestat bejn il-partijiet. Dak li qed jigi kontestat huwa l-kap tal-ispejjes. Ghalkemm kien jaf bl-ammont, talab verifika tramite dokumentazzjoni. Fil-waqt li s-socjeta` attrici tallega li ghamiltu, dana huwa michud mill-konvenut. Din il-pendenza lehqet l-apici taghha fl-ittra datata 24 ta' Frar 2003 wara ittra datata 13 ta' Frar 2003.

Din il-kawza ma hu xejn aktar minn frott ta' pika li ma ghandhiex issib suffragju quddiem dan it-Tribunal. L-ammont ma giex depozitat il-Qorti.

Jiddeciedi billi fuq ammissjoni tal-istess konvenut jikkundanna ihallas s-somma ta' Lm209.86 lis-socjeta` attrici bl-interessi mid-data tan-notifika tal-avviz datat 28 ta' April 2004, kull parti thallas l-ispejjes taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------